

Talba għal deċiżjoni preliminari mressqa min-Nejvyssí soud (ir-Repubblika Ċeka) fl-4 ta' Novembru 2016 – Michael Dědouch et vs Jihočeská plynárenská, a.s., E.ON Czech Holding AG

(**Kawża C-560/16**)

(2017/C 022/17)

Lingwa tal-kawża: iċ-Ċek

Qorti tar-rinviju

Nejvyssí soud

Partijiet fil-kawża prinċipali

Rikorrenti: Michael Dědouch, Petr Streitberg, Pavel Suda

Konvenuti: Jihočeská plynárenská, a.s., E.ON Czech Holding AG

Domandi preliminari

- Il-punt 2 tal-Artikolu 22 tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 44/2001, tat-22 ta' Diċembru 2000, dwar ġurisdizzjoni u rikonoxximent u eżekuzzjoni ta' sentenzi f'materji cívili u kummerċjali (¹) (iktar 'il quddiem ir-“Regolament Brussell I”) għandu jiġi interpretat fis-sens li japplika wkoll għall-proċedura li tinvolti l-istħarriġ tan-natura raġonevoli tal-korrispettiv li l-azzjonist prinċipali huwa obbligat iħallas, inkambju għal titoli ta' sehem, lid-detenturi preċedenti tal-imsemmija titoli, li ġew ittraferiti lilu bħala riżultat ta' riżoluzzjoni adottata mil-laqgħa ġenerali ta' kumpannija pubblika b'responsabbiltà limitata, dwar it-trasferiment obbligatorju tat-titoli l-oħra ta' sehem lill-azzjonist prinċipali (proċedura mnejha ta’ “tneħħija”), meta r-riżoluzzjoni hekk adottata tifissä l-ammont tal-korrispettiv raġonevoli u meta jkun hemm deċiżjoni ġudizzjarja li tagħti d-dritt għal ammont ta' korrispettiv differenti, ta' natura vinkolanti għall-azzjonist prinċipali u għall-kumpannija, fir-rigward tal-bażi tad-dritt mogħti, kif ukoll fir-rigward tad-detenturi l-oħra ta' titoli ta' sehem?
- Fil-każ ta' risposta negattiva għall-ewwel domanda, il-punt 1(a) tal-Artikolu 5 tar-Regolament ta' Brussell I għandu jiġi interpretat fis-sens li jkopri wkoll il-proċedura li tinvolti l-istħarriġ tan-natura raġonevoli tal-korrispettiv deskrirt fl-ewwel domanda?
- Fil-każ ta' risposta negattiva għall-ewwel żewġ domandi, il-punt 3 tal-Artikolu 5 tar-Regolament Brussell I għandu jiġi interpretat fis-sens li jkopri wkoll il-proċedura li tinvolti l-istħarriġ tan-natura raġonevoli tal-korrispettiv deskrirt fl-ewwel domanda?

(¹) ĠU Edizzjoni Speċjali bil-Malti, Kapitolo 19, Vol. 4, p. 42.

Talba għal deċiżjoni preliminari mressqa mit-Tribunal Supremo (Spanja) fis-7 ta' Novembru 2016 – Saras Energía S.A. vs Administración del Estado

(**Kawża C-561/16**)

(2017/C 022/18)

Lingwa tal-kawża: l-Ispanjol

Qorti tar-rinviju

Tribunal Supremo

Partijiet fil-kawża prinċipali

Rikorrenti: Saras Energía S.A.

Konvenuta: Administración del Estado